

Brussell, 27 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

11629/20

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0131 (NLE)

---

ACP 103  
WTO 233  
COASI 113  
RELEX 723

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija Interim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendar ta' dak il-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija Interim  
bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda,  
u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra,  
fir-rigward tal-emendar ta' dak il-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni  
tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Interim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> (il-"Ftehim"), li jistabbilixxi qafas għal ftehim ta' sħubija ekonomika, ġie ffirmat f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009. Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod provviżorju minn l-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea u mir-Repubblika ta' Fiġi mill-20 ta' Diċembru 2009 u mit-28 ta' Lulju 2014, rispettivament.
- (2) L-Artikolu 80 tal-Ftehim jipprovdi għall-adeżjoni ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn. Permezz tad-Deċiżjonijiet (UE) 2018/1908<sup>2</sup> u (UE) 2020/409<sup>3</sup> rispettivament, il-Kunsill approva l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa (Samoa) u l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim. Samoa aderixxa mal-Ftehim fil-21 ta' Diċembru 2018 u ilu japplikaw b'mod provviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018. Il-Gżejjer Solomon aderixxew mal-Ftehim fis-7 ta' Mejju 2020 u ilhom japplikaw b'mod provviżorju mis-17 ta' Mejju 2020.
- (3) Wara l-adeżjonijiet ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon, jeħtieġ li jiġi emendat l-Anness II tal-Ftehim sabiex l-offerti ta' aċċess għas-suq ta' dawk il-pajjiżi jiżdiedu ma' dak l-Anness.
- (4) L-Artikolu 68 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ li għandu jindirizza l-kwistjonijiet kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

---

<sup>1</sup> ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1908 tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar l-adeżjoni ta' Samoa mal-Ftehim ta' Sħubija Interim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/409 tas-17 ta' Frar 2020 dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 85, 20.3.2020, p. 1).

- (5) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1707<sup>1</sup>, il-Kunsill iddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kummerċ fir-rigward ta' dawk l-emendi. Matul is-seba' laqgħa tiegħu, li saret fit-3 u l-4 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat tal-Kummerċ adotta Rakkomandazzjoni lill-Partijiet għall-Ftehim li tirrakkomanda, fost affarijiet oħra, li jiġi emendat il-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni ta' Samoa u jitqiesu adeżjonijiet futuri ta' Stati Gzejjier tal-Paċifiku oħrajn.
- (6) L-Artikolu 13 tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat tal-Kummerċ bi ftehim jista' jimmodifika l-Anness II tal-Ftehim fi kwalunkwe mod meqjus xieraq. Għaldaqstant, matul it-tmien laqgħa tiegħu, il-Kumitat tal-Kummerċ ser ikun jista' jintroduċi dak l-emendar tekniku għall-Ftehim sabiex titqies l-adeżjoni ta' Samoa u tal-Gzejjier Solomon.
- (7) Jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat tal-Kummerċ fit-tmien laqgħa tiegħu fir-rigward tal-emendar propost.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fit-tmien laqgħa tiegħu tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1707 tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni għal ċerti emendi li għandhom isiru għall-Ftehim biex titqies l-adeżjoni ta' Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gzejjier oħra tal-Paċifiku (ĠU L 260, 11.10.2019, p. 45).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-Kummerċ fit-tmien laqgħa tiegħu fir-rigward tal-emendar għall-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u tal-Gżejjer Solomon għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ<sup>1</sup>.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Ara d-dokument ST11630/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.